DIGRIET TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla)

27 ta' Ottubru 2015*

"Rikors għal annullament — Servizzi tal-logħob tal-ażżard online — Protezzjoni tal-konsumaturi u l-ġugaturi u protezzjoni tal-minorenni minn dan il-logħob — Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni — Atti li ma jistgħux jiġu kkontestati — Inammissibbiltà"

Fil-Kawża T-721/14,

**Ir-Renju tal-Belġju**, irrappreżentat minn L. Van den Broeck u M. Jacobs, bħala aġenti, assistiti minn P. Vlaemminck u B. Van Vooren, avukati,

rikorrent,

vs

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn H. Tserepa-Lacombe u F. Wilman, bħala aġenti,

konvenuta,

li għandha bħala suġġett talba għall-annullament tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2014/478/UE, tal-14 ta' Lulju 2014, dwar prinċipji għall-protezzjoni tal-konsumaturi u l-ġugaturi ta' servizzi tal-logħob tal-azzard onlajn u għall-protezzjoni tal-minorenni mil-logħob tal-azzard onlajn (ĠU L 214, p. 38),

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla),

komposta minn M. E. Martins Ribeiro (Relatur), President, S. Gervasoni u L. Madise, Imħallfin,

Reġistratur: E. Coulon,

tagħti l-preżenti

## Digriet

### Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Fl-14 ta' Lulju 2014, il-Kummissjoni Ewropea adottat ir-Rakkomandazzjoni 2014/478/UE dwar prinċipji għall-protezzjoni tal-konsumaturi u l-ġugaturi ta' servizzi tal-logħob tal-azzard onlajn u għall-protezzjoni tal-minorenni mil-logħob tal-azzard onlajn (ĠU L 214, p. 38), iktar 'il quddiem ir-"rakkomandazzjoni inkwistjoni").

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

2 Wara li esponiet fil-qosor, fil-premessi 1 sa 7 tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni, elementi tal-kuntest tagħha, li huma bbażati b'mod partikolari, minn naħa, fuq konsultazzjoni pubblika li tressqet fl-2011, fuq Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, tat-23 ta' Ottubru 2012, intitolata "Lejn qafas Ewropew komprensiv għal-logħob tal-azzard online", kif ukoll fuq ir-Resoluzzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-10 ta' Settembru 2013, fuq il-logħob tal-azzard online fis-suq intern u, min-naħa l-oħra, fuq il-ġurisprudenza li tipprovdi li, fl-assenza ta' armonizzazzjoni fuq livell tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri jistgħu, fil-prinċipju, jiddefinixxu liberament l-għanijiet tal-politika tagħhom fil-qasam tal-logħob tal-ażżard, kif ukoll il-livell ta' protezzjoni mfittxija għas-saħħa tal-konsumaturi, filwaqt li huwa mifhum li madankollu l-Qorti tal-Ġustizzja ħarġet gwida ġenerali fuq l-interpretazzjoni li għandha tingħata lil-libertajiet fundamentali ggarantiti mis-suq intern fis-settur tal-logħob tal-ażżard u definiti mir-regoli bażiċi għall-komunikazzjonijiet kummerċjali fuq tali servizzi, il-Kummissjoni stabbilixxiet dan li ġej fil-premessi 8, 9, 14 u 15 tal-imsemmija rakkomandazzjoni:

"(8) Ir-regoli u l-politiki li l-Istati Membri introduċew sabiex isegwu l-objettivi tal-interess pubbliku jvarjaw b'mod konsiderevoli. Azzjoni fil-livell tal-Unjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jipprovdu livell għoli ta' protezzjoni fl-Unjoni kollha, b'mod partikolari fid-dawl tar-riskji assoċjati mal-logħob tal-azzard li jinkludu l-iżvilupp ta' tip ta' disturb tal-logħob tal-azzard jew għal konsegwenzi personali u soċjali negattivi oħrajn.

(9) L-għan ta' din ir-Rakkomandazzjoni huwa li tiġi salvagwardjata s-saħħa tal-konsumaturi u tal-ġugaturi u għaldaqstant anki li tiġi minimizzata l-ħsara ekonomika li tista' tirriżulta mil-logħob tal-azzard kompulsiv jew eċċessiv. Għal dan il-għan, hija tirrakkomanda prinċipji għal livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi, tal-ġugaturi u tal-minorenni fir-rigward tas-servizzi tal-logħob tal-azzard onlajn. Fit-tħejjija ta' din ir-Rakkomandazzjoni, il-Kummissjoni qieset il-prattiki tajbin fl-Istati Membri.

[…]

(14) L-operaturi tal-logħob tal-azzard onlajn stabbiliti fl-Unjoni għandhom dejjem aktar liċenzji madwar diversi Stati Membri li għażlu sistemi bbażati fuq il-liċenzji fir-rigward tar-regolamentazzjoni tal-logħob tal-azzard. Huma jistgħu jibbenefikaw minn approċċ aktar komuni. Barra minn hekk, il-multiplikazzjoni ta' rekwiżiti ta' konformità tista' toħloq duplikazzjoni mhux meħtieġa ta' rekwiżiti tal-infrastruttura u kostijiet li jirriżultaw f'piż amministrattiv żejjed fuq ir-regolaturi.

(15) Huwa xieraq li l-Istati Membri jiġu mistiedna jressqu regoli li jipprovdu lill-konsumaturi b'informazzjoni dwar il-logħob tal-azzard onlajn. Dawn ir-regoli għandhom jevitaw l-iżvilupp ta' disturbi relatati mal-logħob tal-azzard u jipprebjenu li l-minnoreni jkollhom aċċess għal faċilitajiet ta' logħob tal-azzard u jiskoraġġixxu lill-konsumaturi milli jagħmlu użu ta' offerti li mhumiex permessi u għalhekk li potenzjalment huma ta' ħsara."

3 Ir-rakkomandazzjoni inkwistjoni tinkludi 54 paragrafu, li jidhru taħt tnax-il punt.

4 Taħt il-punt I, intitolat "Skop", il-paragrafi 1 u 2 tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni huma redatti kif ġej:

"1. L-Istati Membri huma rrakkomandati li jiksbu livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumaturi, il-ġugaturi u l-minorenni permezz tal-adozzjoni ta' prinċipji għas-servizzi tal-logħob tal-azzard onlajn u għal komunikazzjonijiet kummerċjali responsabbli ta' dawk is-servizzi, sabiex tiġi ssalvagwardjata s-saħħa u sabiex tiġi minimizzata wkoll il-ħsara ekonmika eventwali li tista' tirriżulta minn logħob tal-azzard kompulsiv jew eċċessiv.

2. Din ir-Rakkomandazzjoni ma xxekkilx id-dritt tal-Istati Membri li jirregolaw is-servizzi tal-logħob tal-azzard."

5 Il-punti III sa X tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni ttrattaw, rispettivament, ir-"rekwiżiti tal-informazzjoni", il-"minorenni", ir-"reġistrazzjoni u kont ta' ġugatur", l-"attività tal-ġugatur u appoġġ", iż-"żmien ta' waqfien u awtoesklużjoni", il-"komunikazzjoni kummerċjali", l-"[i]sponsorjar", kif ukoll l-"edukazzjoni u sensibilizzazzjoni".

6 Fil-paragrafu 51 tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni, li jidher taħt il-punt XI, intitolat "Superviżjoni", huwa indikat li "[l]-Istati Membri huma mistiedna jaħtru awtoritajiet regolatorji tal-logħob tal-azzard meta japplikaw il-prinċipji stabbiliti f'din ir-Rakkomandazzjoni sabiex jiżguraw u jissorveljaw b'mod indipendenti l-konformità effettiva mal-miżuri nazzjonali meħuda għall-appoġġ tal-prinċipji stabbiliti f'din ir-Rakkomandazzjoni".

7 Finalment, taħt il-punt XII, intitolat "Rappurtar", tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni, il-paragrafi 52 sa 54 huma redatti kif ġej:

"52. L-Istati Membri huma mistiedna jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'kull miżura li tittieħed skont din ir-Rakkomandazzjoni sad-19 ta' Jannar 2016 sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tevalwa l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

53. L-Istati Membri huma mistiedna jiġbru dejta annwali affidabbli għal skopijiet ta' statistika dwar:

a) il-miżuri protettivi applikabbli b'mod partikulari l-għadd ta' kontijiet ta' ġugatur (miftuħin u magħluqin), l-għadd ta' ġugaturi awtoesklużi, dawk li jesperjenzaw disturb tal-logħob tal-azzard u lmenti minn ġugaturi;

b) komunikazzjoni kummerċjali skont il-kategorija u skont it-tip ta' ksur tal-prinċipji;

L-Istati Membri huma mistiedna jikkomunikaw din l-informazzjoni lill-Kummissjoni, għall-ewwel darba sad-19 ta' Lulju 2016.

54. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni sad-19 ta' Jannar 2017."

**Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet**

8 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-13 ta' Ottubru 2014, ir-Renju tal-Belġju ppreżenta dan ir-rikors.

9 Permezz ta' att separat ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-19 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni qajmet eċċezzjoni ta' inammissibbiltà skont l-Artikolu 114(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Mejju 1991. Ir-Renju tal-Belġju ppreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu dwar din l-eċċezzjoni fl-20 ta' Frar 2015.

10 Permezz ta' atti ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-12 u fis-16 ta' Jannar 2015 rispettivament, ir-Repubblika Ellenika u r-Repubblika Portugiża talbu li jintervjenu f'din il-proċedura insostenn tat-talbiet tar-Renju tal-Belġju.

11 Ir-Renju tal-Belġju jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara r-rikors ammissibbli jew, sussidjarjament, tgħaqqad l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mal-mertu u tistabbilixxi t-terminu biex tressaq it-talbiet għall-bqija tal-kawża jew, iktar sussidjarjament, tiddeċiedi fuq l-ammissibbiltà biss wara li tkun semgħet il-partijiet prinċipali u l-intervenjenti;

— tilqa’ r-rikors u tannulla r-rakkomandazzjoni inkwistjoni;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

12 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara r-rikors inammissibbli;

— tikkundanna lir-Renju tal-Belġju għall-ispejjeż.

**Id-dritt**

13 Skont l-Artikolu 130(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, jekk il-konvenuta tagħmel talba għal dan il-għan, il-Qorti Ġenerali tista’ tieħu deċiżjoni dwar l-inammissibbiltà mingħajr ma tidħol fil-mertu tal-kawża. F’din il-kawża, il-Qorti Ġenerali tqis li mill-atti tal-proċess hija għandha informazzjoni biżżejjed u tiddeċiedi li ma hemmx lok li titkompla l-proċedura.

14 Il-Kummissjoni teċċepixxi l-inammissibbiltà ta’ dan ir-rikors minħabba li r-rakkomandazzjoni inkwistjoni ma tikkostitwixxix att li jista’ jiġi kkontestat skont l-Artikolu 263 TFUE. Essenzjalment, hija tqis li, kemm fil-forma tagħha kif ukoll fil-kontenut tagħha, ir-rakkomandazzjoni inkwistjoni hija rakkomandazzjoni li għandha tapplika fis-sens tal-Artikolu 288 TFUE, li ma torbotx u ma timponi ebda obbligu vinkolanti. Billi tikkonferma l-preżentazzjoni formali ta’ din ir-rakkomandazzjoni bbażata fuq l-Artikolu 292 TFUE, il-formulazzjoni tagħha f’termini mhux imperattivi u kundizzjonali kif ukoll il-premessa 5 tagħha u l-paragrafu 2 tagħha. Il-Kummissjoni żżid tgħid li ebda wieħed mill-argumenti mqajma mir-Renju tal-Belġju fir-rikors ma jista’ jinvalida din il-kwalifika tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni bħala att li ma jistax jiġi kkontestat.

15 Ir-Renju tal-Belġju argumenta li dan ir-rikors huwa ammissibbli. Essenzjalment, peress li jibbaża b’mod partikolari fuq is-sentenzi tal-31 ta’ Marzu 1971, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, imsejħa “AETR” (22/70, Ġabra, EU:C:1971:32), u tat-13 ta’ Diċembru 1989, Grimaldi (C-322/88, Ġabra, EU:C:1989:646), kif ukoll fuq il-prinċipju ta’ protezzjoni ġudizzjarja effettiva, josserva li r-rakkomandazzjoni inkwistjoni tista’ tkun is-suġġett ta’ stħarriġ ġudizzjarju. L-ewwel nett, jallega li din ir-rakkomandazzjoni tipproduċi “effetti legali negattivi” sa fejn, kif din tirriżulta mill-ewwel, it-tielet u r-raba’ motivi mqajma fir-rikors, tikser il-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri l-prinċipju tal-kompetenza ta’ attribuzzjoni u l-obbligu ta’ kooperazzjoni leali bejn istituzzjonijiet tal-Unjoni u bejn dawn u l-Istati Membri. It-tieni nett, josserva, fil-kuntest tat-tieni u l-ħames motivi mqajma insostenn ta’ dan ir-rikors, li r-rakkomandazzjoni inkwistjoni tipproċedi bl-intenzjoni li tarmonizza l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE fil-qasam tal-logħob tal-ażżard u tikkostitwixxi, fir-realtà, direttiva moħbija, li huwa l-obbligu tal-Qorti Ġenerali li tikkontrolla. F’dan il-kuntest, huwa jżid jgħid li r-rakkomandazzjoni inkwistjoni tipproduċi effetti legali indiretti, peress li, minn naħa, l-Istati Membri huma obbligati, minħabba l-obbligu tagħhom ta’ kooperazzjoni leali, minn obbligu ta’ motivi li jirrispettawha u li, minn naħa l-oħra, il-qrati nazzjonali ser ikollhom jieħdu din ir-rakkomandazzjoni inkunsiderazzjoni.

16 Minn ġurisprudenza stabbilita, jirriżulta li huma kkunsidrati bħala atti li jistgħu jiġu kkontestati fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE kull dispożizzjoni adottata mill-istituzzjonijiet, tkun xi tkun il-forma, li huma intiżi li jipproduċu effetti tad-dritt obbligatorji (sentenza AETR, punt 15 iktar ’il fuq, EU:C:1971:32, punt 42; tat-13 ta’ Ottubru 2011, Deutsche Post u Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-463/10 P u C-475/10 P, Ġabra, EU:C:2011:656, punt 36, u tat-13 ta’ Frar 2014, L-Ungerija vs Il-Kummissjoni, C-31/13 P, Ġabra, EU:C:2014:70, punt 54).

17 Min-naħa l-oħra, ma jkunx suġġett għal stħarriġ ġudizzjarju previst fl-Artikolu 263 TFUE kull att li ma jipproduċix effetti legali obbligatorji, bħall-atti preparatorji, l-atti konfermattivi u l-atti ta' pura eżekuzzjoni, is-sempliċi rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet, kif ukoll, fil-prinċipju, l-istruzzjonijiet interni [ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Settembru 2006, Reynolds Tobacco *et* vs Il-Kummissjoni, C-131/03 P, Ġabra, EU:C:2006:541, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata, u d-digriet tal-14 ta' Mejju 2012, Sepracor Pharmaceuticals (Ireland) vs Il-Kummissjoni, C-477/11 P, EU:C:2012:292, punt 52].

18 Fid-dawl tal-ġurisprudenza, il-kapaċità ta' att li jipproduċi effetti tad-dritt u, għaldaqstant, li jkun is-suġġett ta' rikors għal annullament skont l-Artikolu 263 TFUE jimplika li jiġu eżaminati l-kliem tiegħu u l-kuntest li fih jiddaħħal (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-20 ta' Marzu 1997, Franza vs Il-Kummissjoni, C-57/95, Ġabra, EU:C:1997:164, punt 18, u tal-1 ta' Diċembru 2005, L-Italja vs Il-Kummissjoni, C-301/03, Ġabra, EU:C:2005:727, punti 21 sa 23), is-sustanza tiegħu (ara s-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2000, Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni, C-147/96, Ġabra, EU:C:2000:335, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-9 ta' Ottubru 1990, Franza vs Il-Kummissjoni, C-366/88, Ġabra, EU:C:1990:348, punt 23; tat-13 ta' Novembru 1991, Franza vs Il-Kummissjoni, C-303/90, Ġabra, EU:C:1991:424, punti 18 sa 24, u tas-16 ta' Ġunju 1993, Franza vs Il-Kummissjoni, C-325/91, Ġabra, EU:C:1993:245, punti 20 sa 23) kif ukoll l-intenzjoni tal-awtur tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Jannar 2010, Internationaler Hilfsfonds vs Il-Kummissjoni, C-362/08 P, Ġabra, EU:C:2010:40, punt 52, u tas-17 ta' Lulju 2008, Athinaïki Techniki vs Il-Kummissjoni, C-521/06 P, Ġabra, EU:C:2008:422, punt 42).

19 F'dan il-każ, l-att ikkontestat huwa rakkomandazzjoni, li ġiet adottata mill-Kummissjoni fil-kunsiderazzjoni legali tal-Artikolu 292 TFUE u li ġiet ippubblikata b'mod integrali fis-Serje L tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Kif dan jirriżulta b'mod partikolari mill-premessi tagħha 2, 9 u 15, ir-rakkomandazzjoni inkwistjoni, li tikkombina aspetti relatati, minn naħa, mal-protezzjoni tal-konsumaturi, inklużi minuri, fil-qasam tas-servizzi tal-logħob tal-ażżard online u, min-naħa l-oħra, mal-komunikazzjonijiet kummerċjali responsabbli fuq dawn is-servizzi, għandha bħala għan li tipproteġi s-saħħa tal-konsumaturi u tal-ġugaturi u li tnaqqas kemm jista' jkun il-ħsara ekonomika li tista' twassal għal aġir ta' logħob kompulsiv jew eċċessiv. Skont il-kliem tagħha, din ir-rakkomandazzjoni tenfasizza prinċipji biex tiggarantixxi protezzjoni għolja tal-konsumaturi, tal-ġugaturi u tal-minuri fl-ambjent tal-logħob tal-ażżard online u tistieden l-Istati Membri biex jipproponu regoli għall-informazzjoni tal-konsumaturi fuq il-logħob tal-ażżard online.

20 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat li, ċertament, mill-ħames paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE jirriżulta li r-rakkomandazzjonijiet ma humiex vinkolanti. Madankollu, skont ġurisprudenza stabbilita, l-għażla tal-forma ma tistax tbiddel in-natura ta' att, b'mod li wieħed għandu jistaqsi lilu nnifsu jekk il-kontenut tal-att jikkorrispondi tajjeb mal-forma li ngħatatlu (ara s-sentenza Grimaldi, punt 15 iktar 'il fuq, EU:C:1989:646, punt 14 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għaldaqstant, u barra minn hekk għall-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 16 sa 18 iktar 'il fuq, għandu jiġi osservat li l-unika fatt li r-rakkomandazzjoni inkwistjoni hija formalment indikata bħala rakkomandazzjoni u li ġiet adottata taħt il-kunsiderazzjoni legali tal-Artikolu 292 TFUE ma hijiex ta' natura li teskludi awtomatikament il-kwalifika tagħha ta' att li jista' jiġi kkontestat.

21 L-ewwel nett, għandu jiġi nnutat li r-rakkomandazzjoni inkwistjoni hija fformulata, essenzjalment, fi kliem mhux imperattiv.

22 Fil-fatt, minn naħa, kemm il-premessi kif ukoll il-paragrafi tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni huma fil-maġġoranza tagħhom ifformulati fil-kundizzjonal, kif jillustra b'mod partikolari l-użu ta' kliem "għandu/għandhom" (bid-Daniż "bør", bil-Ġermaniż "sollte/sollten", bl-Estonjan "peaks/peaksid", bl-Ispanjol "debería/deberían", bit-Taljan "dovrebbe/dovrebbero", bl-Olandiż "zou moeten/zouden moeten", bil-Pollakk "powinien/powinno/powinny", bl-Isvediż "bör" u bl-Ingliż "should").

23 Min-naħa l-oħra, fil-paragrafi 1, 18, 20, 37, 47, 49 u 51 sa 53 tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni, għandhom jiġu rrilevati l-espressjonijiet "huwa rakkomandat lill-Istati Membri li" (bid-Daniż, "Medlemsstaterne anbefales", bl-Estonjan "Liikmesriikidel soovitatakse", bit-Taljan "si raccomanda agli Stati membri", bil-Pollakk "zaleca się", bil-Portugiż "recomenda-se aos Estados-Membros", bl-Isvediż "Medlemsstaterna rekommenderas", bl-Ingliż "Member States are recommended to"), "l-Istati Membri huma inkoraġġuti li" (bit-Taljan "gli Stati membri sono incoraggiati", bil-Pollakk "zachęca się", bil-Portugiż "os Estados-Membros são incentivados/encorajados", bl-Ingliż "Member States are encouraged to") jew ukoll "l-Istati Membri huma mistiedna li" (bid-Daniż, "Medlemsstaterne opfordres", bl-Estonjan "Liikmesriike kutsutakse üles", bit-Taljan "gli Stati membri sono invitati", bil-Portugiż "os Estados-Membros são convidados", bl-Isvediż "Medlemsstaterna uppmanas", bl-Ingliż "Member States are invited to").

24 Tali formulazzjonijiet jikkostitwixxu indikazzjoni ċara minħabba li l-kontenut tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni ma huwiex intiż li jipproduċi effetti tad-dritt obbligatorji (ara, f'dan is-sens, is-sentenza L-Italja vs Il-Kummissjoni, punt 18 iktar 'il fuq, EU:C:2005:727, punti 21 u 22).

25 Madankollu, għandu jiġi osservat li, fil-verżjoni Portugiża tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni, jidhru l-kliem "deve" (għandu), "devem" (għandhom), "deverá" (ser ikollu) u "deverão" (ser ikollhom).

26 Barra minn hekk, il-paragrafi 1, 20, 37, 49, 51 sa 53 tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni huma, għall-inqas parzjalment, ifformulati fi kliem iktar imperativ fil-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra, b'mod partikolari fil-verżjoni Ġermaniża, Spanjola u Olandiża. Fil-fatt, jekk uħud minn dawn il-punti jistabbilixxu rakkomandazzjonijiet sempliċi kif jikkonferma l-użu tal-espressjoni "den Mitgliedstaaten wird empfohlen" (huwa rakkomandat lill-Istati Membri) li tidher fil-paragrafu 1 tal-imsemmija rakkomandazzjoni fil-verżjoni Ġermaniża, l-espressjonijiet "se recomienda/anima/invita a los Estados miembros" (huwa rrakkomandat lill-Istati Membri, l-Istati Membri huma inkoraġġuti/mistiedna) li jidhru fil-paragrafi 1, 18, 20, 37, 47 u 51 sa 53 ta' din ir-rakkomandazzjoni fil-verżjoni Spanjola kif ukoll l-espressjonijiet "de lidstaten wordt aanbevolen" (huwa rrakkomandat lill-Istati Membri) u "de lidstaten worden aangemoedigd" (l-Istati Membri huma inkorraġġuti) li jidhru fil-paragrafi 1, 18, 20, 37, 47 u 49 tal-istess rakkomandazzjoni fil-verżjoni Olandiża, paragrafi oħrajn li jinkludu verbi b'konnotazzjoni iktar imperattiva. Dan japplika b'hekk il-verbi "anhalten" (ilaqqa') u "auffordern" (jistieden jew jordna) li jidhru fil-paragrafi 20, 37, 47, 49 u 51 sa 53 tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni fil-verżjoni Ġermaniża, il-verb "instar" (iħeġġeġ b'mod urġenti jew jitlob) li jidher fil-paragrafu 49 tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni fil-verżjoni Spanjola, kif ukoll il-verb "verzoeken" (jistieden), li jidher fil-paragrafi 51 sa 53 tar-rakkomandazzjoni kkonċernata fil-verżjoni Olandiża, li l-konnotazzjoni tagħha hija iktar imperativa minn dik tal-verb "uitnodigen", li tifforma t-traduzzjoni normali tal-verb Franċiż "inviter".

27 Madankollu, għandu jiġi osservat li dawn id-diverġenzi huma ta' skala żgħira, peress li, minbarra l-fatt li l-parti l-kbira tal-verżjonijiet lingwistiċi rrilevati hawn fuq huma fformulati fi kliem mhux vinkolanti, il-verżjonijiet lingwistiċi ċċitati fil-punt 26 iktar 'il fuq, huma, b'xi eċċezzjonijiet rari, ukoll ifformulati fi kliem essenzjalment mhux vinkolanti.

28 Fi kwalunkwe każ, għandu jitfakkar li huwa ta' ġurisprudenza stabbilita għall-finijiet li tiġi żgurata interpretazzjoni u applikazzjoni uniformi tal-istess test fejn il-verżjoni f'lingwa tal-Unjoni Ewropea hija differenti minn dawk stabbiliti fil-lingwi l-oħra, id-dispożizzjoni inkwistjoni għandha tkun interpretata abbażi tal-kuntest u tal-għan tal-leġiżlazzjoni li tifforma parti minnha (ara, s-sentenza tas-26 ta' April 2012, DR u TV2 Danmark, C-510/10, EU:C:2012:244, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 It-tieni nett, għandu għalhekk jiġi rrilevat li jirriżulta wkoll mill-kontenut tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni li dan l-att ma huwa b'ebda mod intiż li jipproduċi effetti legali vinkolanti u li l-Kummissjoni b'ebda mod ma kellha l-intenzjoni li tagħtiha dawn l-effetti.

30 F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnutat, qabelxejn, li jirriżulta mill-premessi 9 u 15 tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni li din tal-aħħar għandha bħala suġġett li tqiegħed 'il quddiem prinċipji biex tiggarantixxi protezzjoni għolja lill-konsumaturi, lill-ġugaturi u lill-minuri fl-ambjent tal-logħob tal-ażżard u li tistieden l-Istati Membri biex jipproponu regoli għall-informazzjoni tal-konsumaturi fuq il-logħob tal-ażżard online. Bl-istess mod, jirriżulta mingħajr ekwivoku mill-paragrafu 1 ta' din ir-rakkomandazzjoni li huwa rrakkomandat lill-Istati Membri li jadottaw prinċipji intiżi, essenzjalment, biex jilħqu dan l-għan.

31 Sussegwentement, għandu jiġi rrilevat li, fil-paragrafu 2 tar-Rakkomandazzjoni inkwistjoni, huwa speċifikat espliċitament li din hija mingħajr ħsara għad-dritt tal-Istati Membri li jirregolaw is-servizzi tal-logħob tal-ażżard, li minnu għandu jiġi dedott li l-Kummissjoni ma kellha l-intenzjoni b'ebda mod li tissostitwixxi lilha nfisha għal dawn tal-aħħar biex tirregola dawn is-servizzi billi tadotta regoli vinkolanti. Fl-istess sens, minbarra dan, għandu jiġi nnutat li l-Kummissjoni fakkret, fil-premessi 5 u 6 tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni, li l-ġurisprudenza tipprovdi li, fl-assenza ta' armonizzazzjoni fil-livell tal-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu, fil-prinċipju, jiddefinixxu b'mod liberu l-għanijiet tal-politika tagħhom fil-qasam tal-logħob tal-ażżard, kif ukoll il-livell tal-protezzjoni mfittxija għas-saħħa tal-konsumaturi, filwaqt li huwa mifhum li l-Qorti tal-Ġustizzja madankollu ħarġet orjentazzjonijiet ġenerali fuq l-interpretazzjoni li għandha tingħata lil-libertajiet fundamentali ggarantiti mis-suq intern fis-settur tal-logħob tal-ażżard u tiddefinixxi regoli bażiċi għall-komunikazzjonijiet kummerċjali fuq dawn is-servizzi.

32 Finalment, wieħed għandu jżid jgħid li r-rakkomandazzjoni inkwistjoni ma tinkludi ebda indikazzjoni espliċita li tipprovdi li l-Istati Membri huma obbligati jadottaw u japplikaw il-prinċipji li hija tistabbilixxi.

33 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li, ċertament, il-paragrafi 51 sa 53 tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni jagħmlu riferiment għall-applikazzjoni mill-Istati Membri tal-prinċipji inklużi f'din ir-rakkomandazzjoni. Fil-fatt, minn naħa, il-paragrafu 51 tal-imsemmija rakkomandazzjoni jirrigwarda l-ħatra ta' awtoritajiet regolatorji tal-logħob tal-ażżard u ta' kontroll kompetenti biex jiggarantixxu l-applikazzjoni effettiva tal-miżuri nazzjonali adottati b'applikazzjoni tal-imsemmija prinċipji u li jiżguraw il-monitoraġġ tiegħu. Min-naħa l-oħra, il-paragrafi 52 u 53 ta' din l-istess rakkomandazzjoni jipprevedu n-notifika, lill-Kummissjoni, ta' kull miżura adottata b'applikazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni, biex tippermetti lil din tal-aħħar li tevalwa l-implementazzjoni, kif ukoll il-ġabra ta' ċerta data u t-trażmissjoni tagħha lejha.

34 Madankollu, minbarra l-fatt li l-paragrafi 51 sa 53 tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni ma jistabbilixxux obbligu b'responsabbiltà tal-Istati Membri biex japplikaw effettivament il-prinċipji li dan l-att jistabbilixxi, għandu jitfakkar għal darb'oħra li, kif din diġà ġiet irrilevata fil-punt 31 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni speċifikat espliċitament, fil-paragrafu 2 tal-imsemmija rakkomandazzjoni, li din kienet mingħajr ħsara għas-setgħa regolatorja tal-Istati Membri fil-qasam. Madankollu, moqrija flimkien ma' dan l-aħħar paragrafu, ma jirriżultax mill-paragrafi 51 sa 53 ta' din ir-rakkomandazzjoni li stedina, indirizzata lill-Istati Membri, li jadottaw ir-regoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi fis-settur tal-logħob tal-ażżard online, bl-esklużjoni ta' kull obbligu biex jikkonforma lilhom innifishom mal-prinċipji li dan l-att jistabbilixxi.

35 Minbarra dan, fir-rigward tan-notifika tal-miżuri adottati b'applikazzjoni tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni u tat-trażmissjoni ta' ċerta data lill-Kummissjoni, għandu jiġi kkunsidrat li, minkejja l-formulazzjoni tal-paragrafi 52 u 53 tal-imsemmija rakkomandazzjoni fi kliem vinkolanti rrilevat f'ċerti verżjonijiet lingwistiċi (ara l-punt 26 iktar 'il fuq), din ma tistabbilixxi ebda obbligu f'dan is-sens. Tali interpretazzjoni timponi lilha nfisha, fil-fatt, mhux biss fid-dawl ta' paragun mal-verżjonijiet lingwistiċi oħra tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni, iżda wkoll fid-dawl tal-intenzjoni tal-Kummissjoni, kif riflessa, kif din tirriżulta b'mod partikolari mill-punti 30 u 31 iktar 'il fuq, permezz ta' dan l-att.

36 It-tielet nett, wieħed għandu jżid jgħid li l-analiżi tal-kliem u tal-kontenut tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni kif ukoll l-intenzjoni segwita mill-Kummissjoni hija kkonfermata mill-analiżi tal-kuntest li fih tiddaħħal, kif huwa deskritt mill-partijiet. B'hekk, jirriżulta mill-atti tagħhom li l-imsemmija rakkomandazzjoni ssegwi diskussjonijiet li jitressqu b'mod partikolari fi ħdan il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni. B'mod partikolari, minn naħa, fl-eċċezzjoni tagħha ta' inammissibbiltà, il-Kummissjoni ssemmi, mingħajr ma din tkun ikkontestata mir-Renju tal-Belġju, estratt tal-komunikazzjoni tagħha tat-23 ta' Ottubru 2012, li jipprovdi "[f]l-intier tiegħu, ma jidhirx opportun, f'dan l-istadju, li tiġi proposta leġiżlazzjoni tal-[Unjoni] speċifika għas-settur" [traduzzjoni mhux uffiċjali] tal-logħob tal-ażżard online. Min-naħa l-oħra, ġiet ibbażata konklużjoni analoga f'analiżi tal-impatt li akkumpanja r-rakkomandazzjoni inkwistjoni (iktar 'il quddiem l-"analiżi tal-impatt"), iċċitata f'dan is-sens kemm mir-Renju tal-Belġju fir-rikors kemm mill-Kummissjoni fl-eċċezzjoni tagħha tal-inammissibbiltà.

37 Għaldaqstant, fid-dawl tal-kliem, tal-kontenut u tal-kuntest tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni, għandu jiġi konkluż li din la tipproduċi lanqas ma hija intiża li tipproduċi effetti tad-dritt obbligatorji, b'mod li ma tistax tiġi kklassifikata bħala att li jista' jiġi ikkontestat fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE.

38 F'dan ir-rigward, wieħed għandu għal darb'oħra jżid jgħid li l-unika pubblikazzjoni tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni fis-Serje L tal-Ġurnal Uffiċjali, u mhux fis-Serje C tiegħu, ma hijiex ta' natura li tikkonfuta l-konklużjoni li tipprovdi li l-imsemmija rakkomandazzjoni ma hijiex intiża li tipproduċi effetti legali obbligatorji.

39 Minn naħa, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ċaħdet bħala inammissibbli talba għall-annullament ta' att ippubblikat fis-Serje L tal-Ġurnal Uffiċjali, minħabba li dan l-att ma kienx intiż li jipproduċi effetti tad-dritt (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' April 1996, Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kunsill, C-58/94, Ġabra, EU:C:1996:171, punt 27), li minnu għandu jiġi dedott li l-unika ċirkustanza li att ikun ippubblikat fis-Serje L tal-Ġurnal Uffiċjali ma hijiex ta' natura li tikkaratterizza effetti tad-dritt obbligatorji li jrendu dan l-att li jkun jista' jiġi kkontestat.

40 Min-naħa l-oħra, il-kunsiderazzjoni stabbilita fil-punt 38 iktar 'il fuq timponi lilha nfisha ukoll fid-dawl tal-ġurisprudenza stabbilita li tipprovdi li l-forma li fiha att jew deċiżjoni huma adottati hija, fil-prinċipju, indifferenti għall-ammissibbiltà ta' rikors għal annullament. Skont din il-ġurisprudenza, huwa għaldaqstant, fil-prinċipju, mingħajr effett fuq il-klassifikazzjoni tal-att ikkonċernat li dan jissodisfa jew le ċerti rekwiżiti formali, jiġifieri b'mod partikolari jekk huwa debitament intitolat mill-awtur tiegħu jew jekk isemmi d-dispożizzjonijiet li jikkostitwixxu l-bażi legali tiegħu jew jekk ma ġiex innotifikat, bi ksur tar-regoli applikabbli, bill dan il-vizzju ma jistax jemenda s-sustanza tal-imsemmi att (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Novembru 2010, NDSHT vs Il-Kummissjoni, C-322/09 P, Ġabra, EU:C:2010:701, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata). Minn dan isegwi li l-unika pubblikazzjoni ta' att, skont il-każ, fis-Serje C jew fis-Serje L tal-Ġurnal Uffiċjali huwa mingħajr effett inkwantu għall-kwistjoni jekk l-att inkwistjoni jistax jipproduċi effetti legali obbligatorji (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2005, Infront WM vs Il-Kummissjoni, T-33/01, Ġabra, EU:T:2005:461, punt 110).

41 Il-konklużjoni meħuda mill-punt 37 iktar 'il fuq ma hijiex lanqas imminata mill-argumenti tar-Renju tal-Belġju.

42 Fl-ewwel lok, ir-Renju tal-Belġju jislet argument tal-effetti legali li rakkomandazzjoni tista' tipproduċi peress li l-qorti nazzjonali għandha, fid-dawl tal-ġurisprudenza, tieħu inkunsiderazzjoni bl-għan li taqta' l-kawżi li hija adita bihom u li l-awtoritajiet nazzjonali huma, minħabba l-obbligu ta' kooperazzjoni leali li jaqa' fuq l-Istati Membri, obbligati li jirrispettawha. Fil-fehma tiegħu, l-assenza formali ta' natura vinkolanti tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni hija mingħajr rilevanza fid-dawl tal-konsegwenzi legali sinjifikattivi li din ir-rakkomandazzjoni tipproduċi għall-finijiet ta' interpretazzjoni, permezz ta' klassifikazzjoni mill-ġdid jew permezz tal-obbligu tal-kooperazzjoni leali.

43 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta ċertament li, anki jekk ir-rakkomandazzjonijiet ma humiex maħsuba li jipproduċu effetti vinkolanti u ma humiex f'pożizzjoni li joħolqu drittijiet li l-individwi jistgħu jinvokaw quddiem qorti nazzjonali, huma, madankollu, ma humiex nieqsa minn kull effett legali. Fil-fatt, il-qrati nazzjonali huma obbligati li jieħdu inkunsiderazzjoni r-rakkomandazzjonijiet bil-għan tas-soluzzjoni tal-kawżi li huma sottomessi lilhom, b'mod partikolari meta huma jiċċaraw l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati bil-għan li jiġi żgurat l-implementazzjoni tagħhom jew meta huma għandhom bħala għan li jikkompletaw dispożizzjonijiet tal-Unjoni li għandhom natura vinkolanti (is-sentenzi Grimaldi, punt 15 iktar 'il fuq, EU:C:1989:646, punti 7, 16 u 18 ; tal-11 ta' Settembru 2003, Altair Chimica, C-207/01, Ġabra, EU:C:2003:451, punt 41, u tat-18 ta' Marzu 2010, Alassini *et*, C-317/08 sa C-320/08, Ġabra, EU:C:2010:146, punt 40).

44 Madankollu, it-teħid inkunsiderazzjoni, bil-għan tal-evalwazzjoni tan-natura li tista' tiġi kkontestata ta' rakkomandazzjoni, tal-effetti legali deskritti mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 43 iktar 'il fuq twassal għall-konklużjoni li kull rakkomandazzjoni tikkostitwixxi att li jista' jiġi kkontestat.

45 Madankollu, tali konklużjoni tkun f'kunflitt, minn naħa, mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 263 TFUE, kif interpretat mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 16 u 17 iktar 'il fuq, li bis-saħħa tiegħu s-sempliċi rakkomandazzjonijiet, li ma jipproduċux effetti tad-dritt obbligatorji, ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' rikors għal annullament. Min-naħa l-oħra, hija tinjora wkoll il-ġurisprudenza li tipprovdi, li biex jiġi ddeterminat jekk att jipproduċi effetti legali obbligatorji, għandu jorbot mas-sustanza tiegħu (is-sentenza Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni, punt 18 iktar 'il fuq, EU:C:2000:335, punt 27).

46 Minn dan isegwi li ma jistax jiġi dedott mill-uniċi effetti legali deskritti mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 43 iktar 'il fuq li rakkomandazzjoni, bħar-rakkomandazzjoni inkwistjoni, tipproduċi effetti ta' dritt obbligatorji u tikkostitwixxi għaldaqstant att li jista' jiġi kkontestat fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 16 sa 18 iktar 'il fuq.

47 Għal dawn l-istess raġunijiet, it-teħid inkunsiderazzjoni, mill-qorti tal-Unjoni, tar-rakkomandazzjonijiet għall-finijiet ta' interpretazzjoni ma jistax lanqas, kuntrarjament għall-allegazzjonijiet tar-Renju tal-Belġju, ikun ta' natura li jiġġustifika l-allegazzjoni li tipprovdi li r-rakkomandazzjonijiet, bħar-rakkomandazzjoni inkwistjoni, jipproduċu effetti legali obbligatorji.

48 Barra minn hekk, għandu jiġi kkunsidrat li dan japplika wkoll għall-effetti legali li jirriżultaw, skont ir-Renju tal-Belġju, mill-obbligu tal-mezzi, jekk jiġi stabbilit, li jiġu rrispettati l-prinċipji stabbiliti fir-rakkomandazzjoni inkwistjoni, li jaqa' fuq l-Istati Membri bis-saħħa tal-obbligu tagħhom ta' kooperazzjoni leali.

49 Fit-tieni lok, ir-Renju tal-Belġju jargumenta essenzjalment li r-rakkomandazzjoni inkwistjoni għandha tkun li tista' tkun is-suġġett ta' stħarriġ limitat fid-dawl tal-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni, fid-dawl tal-fatt li l-assenza ta' tali stħarriġ imur kontra l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Madankollu, ir-rakkomandazzjoni inkwistjoni tipproduċi "effetti legali negattivi" sa fejn hija tikser il-prinċipju ta' għoti ta' kompetenzi, il-bilanċ istituzzjonali u l-obbligu ta' kooperazzjoni leali bejn istituzzjonijiet u bejn dawn u l-Istati Membri, kif ukoll dak li jirriżulta mill-ewwel, it-tielet u r-raba' motivi mqajma mir-rikors. F'dan il-kuntest, ir-Renju tal-Belġju jżid jgħid li, skont il-ġurisprudenza, anki atti mingħajr effetti legali vinkolanti adottati bi ksur tal-obbligu ta' kooperazzjoni leali jistgħu jkunu suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju.

50 L-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat li din l-argumentazzjoni tar-Renju tal-Belġju, jekk hija tinżamm, terġa' tiddeduċi n-natura li tista' tiġi kkontestata tal-att tal-illegalità eventwali tiegħu.

51 Madankollu, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-gravità ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu tal-istituzzjoni kkonċernata jew l-importanza tal-ħsara li jirriżulta minnu f'dak li jirrigwarda r-rispett tad-drittijiet fundamentali ma jippermettix li tiġi miċħuda l-applikazzjoni tal-għanijiet ta'

inammissibbiltà ta' ordni pubbliku previsti mit-Trattat. B'hekk, ksur allegat tal-bilanċ istituzzjonali ma jippermettix li jiċċaħdu l-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà tar-rikors għal annullament magħmula mit-Trattat (is-sentenza tal-15 ta' Jannar 2003, Phillip Morris International vs Il-Kummissjoni, T-377/00, T-379/00, T-380/00, T-260/01 u T-272/01, Ġabra, EU:T:2003:6, punt 87; ara wkoll, b'analoġija, id-digriet tal-10 ta' Mejju 2001, FNAB *et* vs Il-Kunsill, C-345/00 P, Ġabra, EU:C:2001:270, punti 39 sa 42).

52 Konsegwentement, anki jekk jkun preżunt li r-rakkomandazzjoni inkwistjoni tkun ivvizzjata minn ksur tal-prinċipju ta' għoti ta' kompetenzi jew tal-obbligu ta' kooperazzjoni leali, din iċ-ċirkustanza ma hijiex ta' natura li ċċaħħad il-kundizzjoni ta' ammissibbiltà tal-eżistenza ta' att li jista' jiġi kkontestat.

53 It-tieni nett, ma jistax lanqas jintlaqa' l-argument tar-Renju tal-Belġju bbażat fuq il-fatt li mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u, b'mod partikolari, mis-sentenzi tat-12 ta' Frar 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-45/07, Ġabra, EU:C:2009:81), u tal-20 ta' April 2010, Il-Kummissjoni vs L-Isvezja (C-246/07, Ġabra, EU:C:2010:203), jirriżulta li atti mingħajr natura legalment vinkolanti adottati bi ksur tal-obbligu ta' kooperazzjoni leali huma suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju.

54 F'dan ir-rigward, minn naħa, anki jekk wieħed jippreżumi li, bħalma argumenta r-Renju tal-Belġju, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-kontroll, fis-sentenzi msemmija fil-punt 53 iktar 'il fuq, tal-aġir mingħajr effetti legali vinkolanti fid-dawl tal-osservanza tal-obbligu ta' kooperazzjoni leali li jaqa' fuq l-Istati Membri, għandu madankollu jiġi kkonstatat li dawn is-sentenzi ngħataw fil-kuntest ta' rikorsi għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li ġew ippreżentati skont l-Artikolu 226 KE, jiġifieri fil-kuntest ta' rimedju li għandu bħala suġġett li jikkonstata u jwaqqaf l-aġir ta' Stat Membru bi ksur tad-dritt tal-Unjoni (is-sentenza tas-7 ta' Frar 1979, Franza vs Il-Kummissjoni, 15/76 u 16/76, Ġabra, EU:C:1979:29, punt 27) u li jibbaża fuq il-konstatazzjoni objettiva tan-nuqqas ta' osservanza minn Stat Membru tal-obbligi li jimponi fuqu t-Trattat jew att tad-dritt sekondarju (ara s-sentenzi tal-14 ta' Novembru 2002, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, C-140/00, Ġabra, EU:C:2002:653, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-4 ta' Marzu 2010, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-297/08, Ġabra, EU:C:2010:115, punt 81 u l-ġurisprudenza), u mhux fil-kuntest ta' rikors għal annullament fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE.

55 Madankollu, dawn iż-żewġ rimedji li għandhom għanijiet differenti u li jissodisfaw kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà differenti li huma adattati għalihom, ma jistax jirriżulta mill-uniku fatt, allegat mir-Renju tal-Belġju, li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tanalizza att jew aġir mingħajr effetti legali vinkolanti fil-kuntest ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li għandu japplika wkoll f'rikors għal annullament.

56 Għall-kuntrarju, fil-kuntest tar-rikors għal annullament stabbilit fl-Artikolu 263 TFUE, l-argumentazzjoni tar-Renju tal-Belġju, li tipprovdi li att mhux vinkolanti jista' jiġi kkontrollat fid-dawl tal-obbligu ta' kooperazzjoni leali, ikun f'kunflitt mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 16, 17 u 51 iktar 'il fuq.

57 Min-naħa l-oħra, sa fejn ir-Renju tal-Belġju jislet argument minħabba li l-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, fis-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Isvezja, punt 53 iktar 'il fuq (EU:C:2010:203), nuqqas ta' twettiq ta' obbligu sa fejn ir-Renju tal-Isvezja naqas milli ħa inkunsiderazzjoni pożizzjoni miftehma fi ħdan il-grupp tax-xogħol tal-Kunsill li ġie mingħajr effetti legali vinkolanti, huwa suffiċjenti li jiġi kkonstatat li ma jirriżulta bl-ebda mod li, fil-kuntest ta' rikors għal annullament ippreżentat skont l-Artikolu 263 TFUE, il-legalità ta' att nieqes minn kull effett legali vinkolanti jista' jiġi analizzat. Fil-fatt, anki mingħajr ma jkun hemm bżonn li tittieħed pożizzjoni fuq il-possibbiltà għall-qorti li tikkonstata, fil-kuntest ta' rikors għal annullament, ksur tal-obbligu ta' kooperazzjoni leali minħabba li ma tteħidx inkunsiderazzjoni att nieqes minn effetti legali vinkolanti, għandu jiġi rrilevat li din il-kawża tqajjem kwistjoni differenti jekk ir-rakkomandazzjoni inkwistjoni tipproduċi effetti legali obbligatorji.

58 It-tielet nett, fir-rigward tar-riferiment għall-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva li teħtieġ interpretazzjoni mhux restrittiva tal-kundizzjoni dwar l-effetti legali vinkolanti, għandu jiġi rrilevat li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jekk huwa minnu li, permezz tal-Artikoli 263 TFUE u 277 TFUE, minn naħa, u permezz tal-Artikolu 267 TFUE, min-naħa l-oħra, it-Trattat jistabbilixxi sistema kompleta ta' rimedji ġudizzjarji u ta' proċeduri intiżi li jiżguraw l-istħarriġ tal-legalità tal-atti tal-istituzzjonijiet, billi jafdha lill-qorti tal-Unjoni [is-sentenzi tat-23 ta' April 1986, Les Verts vs Il-Parlament, 294/83, Ġabra, EU:C:1986:166, punt 23 ; Reynolds Tobacco *et* vs Il-Kummissjoni, punt 17 iktar 'il fuq, EU:C:2006:541, punt 80, u d-digriet Sepracor Pharmaceuticals (Ireland) vs Il-Kummissjoni, punt 17 iktar 'il fuq, EU:C:2012:292, punt 53], xorta jibqa' l-fatt li, għalkemm il-kundizzjoni dwar l-effetti legali vinkolanti għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-prinċipju ta' protezzjoni legali effettiva, tali interpretazzjoni ma tistax twassal biex tiċħad din il-kundizzjoni mingħajr ma wieħed jeċċedi l-kompetenzi attribwiti mit-Trattat lill-qrati tal-Unjoni [ara, f'dan is-sens, is-sentenza Reynolds Tobacco *et* vs Il-Kummissjoni, punt 17 iktar 'il fuq, EU:C:2006:541, punt 81, u d-digriet Sepracor Pharmaceuticals (Ireland) vs Il-Kummissjoni, punt 17 iktar 'il fuq, EU:C:2012:292, punt 54].

59 Madankollu, l-argumentazzjoni tar-Renju tal-Belġju, jekk kienet inżammet, għandha preċiżament bħala effett li tiċħad il-kundizzjoni fid-dawl tal-effetti legali obbligatorji.

60 Fit-tielet lok, ir-Renju tal-Belġju jallega, permezz tat-tieni u l-ħames motivi mqajma fir-rikors, li r-rakkomandazzjoni inkwistjoni tikkostitwixxi fir-realtà strument li għandu effett ta' armonizzazzjoni u direttiva moħbija. B'mod iktar partikolari, fil-kuntest tat-tieni motiv, li jieħu sostenn b'mod partikolari mis-sentenzi Grimaldi, punt 15 iktar 'il fuq (EU:C:1989:646), u tal-24 ta' Jannar 2013, Stanleybet *et* (C-186/11 u C-209/11, Ġabra, EU:C:2013:33), fuq il-premessi 8 u 14 u l-paragrafu 52 tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni, kif ukoll fuq il-passaġġi tal-valutazzjoni tal-impatt, huwa jallega li l-imsemmija rakkomandazzjoni tikkostitwixxi strument ta' armonizzazzjoni u tal-liberalizzazzjoni tas-suq tal-logħob tal-ażżard online, kuntrarjament għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 56 TFUE f'dan is-settur u meħud fl-assenza ta' kull kompetenza tal-Kummissjoni għal dan il-għan. Fil-kuntest tal-ħamest motiv, huwa jallega, essenzjalment, li din ir-rakkomandazzjoni tikkostitwixxi fir-realtà strument leġiżlattiv. Huwa jagħmel riferiment, minn naħa, għall-intenzjoni sottostanti għall-istess rakkomandazzjoni, kif din tirriżulta mill-kontenut dettaljat tagħha u tal-valutazzjoni tal-impatt. Min-naħa l-oħra, huwa josserva li, permezz tas-sistema ta' stħarriġ tad-data stabbilita mill-paragrafi 52 sa 54 tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni, il-Kummissjoni tipproċedi fir-realtà għal armonizzazzjoni u bi ħsiebha tiffoka l-politika kif tagħmel direttiva fis-sens tal-Artikolu 288 TFUE.

61 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, qabelxejn, sa fejn, permezz tal-argumenti bbażati, fil-kuntest tat-tieni motiv, minħabba li r-rakkomandazzjoni inkwistjoni tipproċedi għal armonizzazzjoni u għal liberalizzazzjoni illegali tas-suq fis-settur tal-logħob tal-ażżard online, ir-Renju tal-Belġju bi ħsiebha tagħmel użu mill-ġurisprudenza li bis-saħħa tagħha l-qorti tivverifika, bil-għan li tiddetermina jekk att jistax jiġi kkontestat, jekk dan l-att huwa intiż li jipproduċi effetti legali ġodda meta mqabbla ma' dawk li jinkludu l-applikazzjoni tal-prinċipji fundamentali tat-Trattat, billi jiġi analizzat il-kontenut tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Franza vs Il-Kummissjoni, punt 18 iktar 'il fuq, EU:C:1991:424, punt 10; Franza vs Il-Kummissjoni, punt 18 iktar 'il fuq, EU:C:1997:164, punt 9, u tal-20 ta' Mejju 2010, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, T-258/06, Ġabra, EU:T:2010:214, punt 27) u billi jiġi apprezzat jekk dan l-att sempliċement jispjega l-imsemmija prinċipji jew jekk jistabbilixxi obbligi speċifiċi jew ġodda meta mqabbla ma' dawn (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi, Franza vs Il-Kummissjoni punt 18 iktar 'il fuq, EU:C:1993:245, punt 14; Franza vs Il-Kummissjoni, punt 18 iktar 'il fuq, EU:C:1997:164, punt 13, u Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, EU:T:2010:214, punt 28), għandu jitfakkar li r-rakkomandazzjoni inkwistjoni hija, essenzjalment, ifformulata fi kliem mhux vinkolanti u ma hijiex intiża, fid-dawl tal-kliem tagħha, għall-kontenut u għall-kuntest tagħha, li tipproduċi effetti legali vinkolanti. Min-naħa l-oħra, fil-kawżi li taw lok għas-sentenzi Franza vs Il-Kummissjoni, punt 18 iktar 'il fuq (EU:C:1991:424), Franza vs Il Kummissjoni, punt 18 iktar 'il fuq (EU:C:1993:245), Franza vs Il Kummissjoni, punt 18 iktar 'il fuq (EU:C:1997:164), u Il-Ġermanja vs

Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (EU:T:2010:214), l-atti inkwistjoni jew, mill-inqas, il-passaġġi kkontestati u analizzati mill-qorti, kienu fformulati fi kliem imperattivi u kienu jistabbilixxu obbligi fir-responsabbiltà tal-Istati Membri.

62 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma huwiex neċessarju, f'dan il-każ, li wieħed jikkonfronta l-kontenut tal-premessi u prinċipji li jidhru fir-rakkomandazzjoni inkwistjoni mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, kif interpretati mill-ġurisprudenza, sabiex jiġi vverifikat jekk l-imsemmija rakkomandazzjoni tistabbilixxi prinċipji differenti minn dawk li ħarġu mit-Trattat u mill-ġurisprudenza. Fil-fatt, anki jekk wieħed jippreżumi li dan huwa l-każ, xorta jibqa' l-fatt li, fid-dawl tal-kliem, tal-kontenut u tal-kuntest ta' din ir-rakkomandazzjoni, il-prinċipji inklużi fiha ma humiex intiżi li jipproduċu effetti legali obbligatorji.

63 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi nnutat li, b'mod superfluwu, l-argumenti tar-Renju tal-Belġju, ibbażat fuq il-fatt li r-rakkomandazzjoni inkwistjoni twassal għal armonizzazzjoni u għal liberalizzazzjoni illegali tas-suq fis-settur tal-logħob tal-ażżard online, li tipproċedi minn qari manifestament żbaljata tal-imsemmija rakkomandazzjoni.

64 B'hekk, minn naħa, huwa żball li r-Renju tal-Belġju jiddeduċi mill-premessi 8 u 14 tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni li din għandha bħala għan li tarmonizza u li tilliberalizza s-suq tal-logħob tal-ażżard online. Ċertament, il-Kummissjoni ssemmi l-fatt li r-regoli u l-politiki introdotti mill-Istati Membri jvarjaw b'mod kunsiderevoli, li l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni tinkuraġġihom li jiggarantixxu livell għoli ta' protezzjoni fit-territorji tagħhom u li approċċ iktar armonizzat jista' jkun ta' profitt għall-operaturi tas-servizzi tal-logħob tal-ażżard online stabbiliti fl-Unjoni li għandhom tendenza iktar u iktar li jżommu diversi liċenzji ħalli jkunu jistgħu jeżerċitaw l-attività tagħhom f'diversi Stati Membri. Madankollu, xorta jibqa' l-fatt li, fil-paragrafu 2 tagħha, l-imsemmija rakkomandazzjoni tafferma b'mod espliċitu l-poter regolatorju tal-Istati Membri f'dan il-qasam. Barra minn hekk, din ir-rakkomandazzjoni ma tistabbilixxi ebda regola u lanqas ebda prinċipju li għandhom tendenza li jarmonizzaw u li jilliberalizzaw dan is-suq. Fil-fatt, ebda wieħed mill-paragrafi tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni ma għandu tali għan. Minbarra dan, ikun li jkun il-kontenut tal-imsemmija premessi, bħala motivi li fuqhom tibbaża r-rakkomandazzjoni inkwistjoni, dawn il-premessi ma jistgħux jipproduċu effetti legali (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, id-digriet tat-12 ta' Diċembru 2007, Vodafone España u Vodafone Group vs Il-Kummissjoni, T-109/06, Ġabra, EU:T:2007:384, punt 147 u l-ġurisprudenza ċċitata).

65 Min-naħa l-oħra, l-argument ibbażat fuq il-fatt, fil-paragrafu 52 tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni, "[b]illi 'tistieden' l-Istati Membri biex jadottaw miżuri ta' transpożizzjoni tal-[imsemmija rakkomandazzjoni], il-Kummissjoni għandha l-għan […] manifestament li timponi l-interpretazzjoni tagħha tal-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE" [traduzzjoni mhux uffiċjali], tipproċedi għall-qari żbaljata tal-imsemmi paragrafu. Fil-fatt, dan għandu bħala għan mhux obbligu li jiġu trasposti l-prinċipji li ħarġu minn din ir-rakkomandazzjoni, iżda stedina indirizzata lill-Istati Membri li jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'kull miżura adottata skont l-istess rakkomandazzjoni. Madankollu, kif din tirriżulta mill-punt 34 iktar 'il fuq, ma jistax jirriżulta minn tali stedina obbligu biex wieħed jikkonforma mal-imsemmija rakkomandazzjoni.

66 Sussegwentement, sa fejn ir-Renju tal-Belġju jagħmel riferiment għal passaġġi tal-analiżi tal-impatt, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza, sabiex jiġi ddeterminat jekk att jipproduċi effetti legali obbligatorji, għandu jorbot mas-sustanza tiegħu (is-sentenza Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni, punt 18 iktar 'il fuq, EU:C:2000:335, punt 27), fid-dawl tal-fatt li l-effetti tad-dritt obbligatorji ta' att għandhom jiġu apprezzati skont kriterji oġġettivi bħall-kontenut ta' dan l-att, billi jittieħed inkunsiderazzjoni, jekk ikun il-każ, tal-kuntest tal-adozzjoni ta' dan tal-aħħar kif ukoll tas-setgħat tal-istituzzjoni awtur (ara s-sentenza L-Ungerija vs Il-Kummissjoni, punt 16 iktar 'il fuq, EU:C:2014:70, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata; ara wkoll punt 18 iktar 'il fuq). Madankollu, fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, ġie kkunsidrat, fil-punt 37 iktar 'il fuq, li r-rakkomandazzjoni inkwistjoni ma kinitx intiża li tipproduċi effetti tad-dritt obbligatorji.

67 Fi kwalunkwe każ, għandu għal darb'oħra jiġi rrilevat li, minbarra l-fatt li l-passaġġi tal-analiżi tal-impatt iċċitati fil-punt 51 tar-rikors sempliċement jenfasizzaw il-piż amministrattiv, minħabba l-koeżistenza tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali, fuq l-operaturi tal-logħob tal-ażżard online mingħajr madankollu ma jipproponu armonizzazzjoni f'dan il-qasam, jirriżulta wkoll minn din l-analiżi, kif iċċitata miż-żewġ partijiet, li inizjattiva leġiżlattiva ġiet iġġudikata li ma kinitx fattibbli (ara l-punt 36 iktar 'il fuq).

68 Finalment, f'dawn iċ-ċirkustanzi, huwa wkoll żbaljat li r-Renju tal-Belġju jiddeduċi qari magħquda tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 43 iktar 'il fuq, tas-sentenza Stanleybet *et*, punt 60 iktar 'il fuq (EU:C:2013:33), kif ukoll il-premessi 8 u 14 u l-paragrafu 52 tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni li dan tal-aħħar għandu effett ta' armonizzazzjoni. Ċertament, mis-sentenza Stanleybet *et*, punt 60 iktar 'il fuq (EU:C:2013:33, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata), li l-Qorti tal-Ġustizzja ripetutament iddeċidiet li l-leġiżlazzjoni tal-logħob tal-ażżard kienet tagħmel parti mill-oqsma li fihom id-diverġenzi kunsiderevoli ta' ordni morali, reliġjuż u kulturali li kienu jeżistu bejn l-Istati Membri u li, fl-assenza ta' armonizzazzjoni fl-iskala tal-Unjoni fuq il-qasam, huwa l-obbligu ta' kull Stat Membru li japprezza, f'dawn l-oqsma, skont l-iskala tal-valuri rispettiva tiegħu, ir-rekwiżiti li kienu jinkludu l-protezzjoni tal-interessi kkonċernati. Madankollu, fid-dawl tal-konklużjonijiet ibbażati fil-punti 46 u 65 iktar 'il fuq kif ukoll minħabba l-fatt li r-rakkomandazzjoni inkwistjoni ma tinkludi ebda armonizzazzjoni tas-servizzi fis-settur tal-logħob tal-ażżard online, għandu jiġi rrilevat li, kuntrarjament għal dak li jallega r-Renju tal-Belġju, l-adozzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni ma hijiex ta' natura li tillimita l-possibbiltà għal kull Stat Membru li japprezza, skont l-iskala tal-valuri rispettiva tiegħu, ir-rekwiżiti li jinkludu l-protezzjoni tal-imsemmija interessi.

69 Dan huwa iktar u iktar hekk kif, kif din diġà ġiet irrilevata fil-punti 31, 34 u 64 iktar 'il fuq, ir-rakkomandazzjoni inkwistjoni hija, konformement mal-paragrafu 2 tagħha, mingħajr ħsara għas-setgħa regolatorja tal-Istati Membri f'dan il-qasam.

70 It-tieni nett, sa fejn ir-Renju tal-Belġju jallega li l-Kummissjoni bdiet proċeduri f'konstatazzjoni ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu fir-rigward ta' seba' Stati Membri sabiex tobbligahom jallinjaw fuq ir-rakkomandazzjoni inkwistjoni, għandu jiġi kkonstatat, minn naħa, li ma jirriżulta minn ebda element tal-proċess li l-imsemmija proċeduri għandhom effettivament bħala suġġett l-osservanza ta' din tal-aħħar, li l-Kummissjoni tikkontesta barra minn hekk fl-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tagħha. Min-naħa l-oħra u fi kwalunkwe każ, għandu jiġi rrilevat li l-imsemmija rakkomandazzjoni ġiet adottata fl-14 ta' Lulju 2014, jiġifieri wara d-data tal-ftuħ ta' dawn il-proċeduri, kif indikat mir-Renju tal-Belġju, jiġifieri l-20 ta' Novembru 2013.

71 It-tielet nett, fir-rigward tal-argumenti mqajma fil-kuntest tal-ħames motiv u bbażati fuq il-fatt li r-rakkomandazzjoni inkwistjoni tikkostitwixxi strument leġiżlattiv u sakemm dawn l-argumenti għandhom jinftiehmu fis-sens li r-Renju tal-Belġju bi ħsiebu jagħmel użu mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 61 iktar 'il fuq, għandu immedjatament isir riferiment għall-kunsiderazzjonijiet li ħarġu mill-punti 61 u 62 iktar 'il fuq.

72 Sussegwentement, għandu jiġi rrilevat li l-fatt, imressaq mir-Renju tal-Belġju, li l-prinċipji stabbiliti fir-rakkomandazzjoni inkwistjoni huma dettaljati ferm u mingħajr effett fuq il-konklużjoni li tipprovdi li dan l-att ma huwiex intiż li jipproduċi effetti legali obbligatorji. Fil-fatt, din il-konklużjoni ma timponix lilha nfisha fid-dawl mhux tal-livell tad-dettall tal-prinċipji li dan l-att jistabbilixxi, iżda tal-imperattività ta' dawn tal-aħħar. Madankollu, huwa diġà ġie rrilevat iktar 'il fuq li dan huwa, f'dan il-każ, nuqqas.

73 Barra minn hekk, fir-rigward tal-argument ibbażat fuq il-paragrafi 52 sa 54 tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni, li juru essenzjalment, skont ir-Renju tal-Belġju, li din tal-aħħar tikkostitwixxi direttiva moħbija, għandu jiġi rrilevat li minn dawn il-paragrafi jirriżulta li l-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri biex jipprovdu ċerta data sabiex hija tkun tista' tevalwa l-implementazzjoni tal-imsemmija rakkomandazzjoni. Madankollu, kif din diġà ġie rrilevat fil-punti 33 u 34 iktar 'il fuq, il-fatt biss li

l-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri biex jinnotifkawlha l-miżuri adottati skont prinċipji li ħarġu minn din ir-rakkomandazzjoni u biex jipprovdulha d-data fir-rigward tal-applikazzjoni tal-prinċipji stabbiliti fl-istess rakkomandazzjoni ma huwiex ta' natura li jrendi din l-applikazzjoni obbligatorja għall-Istati Membri.

74 Finalment, sa fejn, f'dan il-kuntest, ir-Renju tal-Belġju jagħmel riferiment għall-passaġġi tal-analiżi tal-impatt u ta' żewġ proġetti ta' rakkomandazzjoni trażmessi mill-Kummissjoni qabel l-adozzjoni tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni, għandu jsir riferiment għall-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punt 66 iktar 'il fuq.

75 F'dan ir-rigward, wieħed għandu jżid jgħid li, fi kwalunkwe każ, minn naħa, għandhom jiġu miċħuda l-argumenti bbażati fuq l-analiżi tal-impatt b'riferiment għall-kunsiderazzjonijiet li ħarġu fil-punt 67 iktar 'il fuq, mingħajr anki ma jkun hemm bżonn li jiġi analizzat il-kontenut tal-passaġġi ċċitati tal-imsemmija analiżi.

76 Min-naħa l-oħra, ir-Renju tal-Belġju jiċċita, fl-atti tiegħu, premessi taż-żewġ abbozzi tar-rakkomandazzjoni, li jipprovdu li l-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi, tal-ġugaturi u tal-minuri fid-dawl tal-logħob tal-ażżard online huma frammentati u li l-għan tar-rakkomandazzjoni jista' jiġi milħuq aħjar minn azzjoni fil-livell tal-Unjoni, li l-Kummissjoni kienet bi ħsiebha tipproponi sensiela ta' prinċipji komuni biex tiżgura l-informazzjoni tal-konsumaturi rigward il-logħob tal-ażżard on line u li għandhom jiġu adottati miżuri xierqa u effettivi biex jissorvelaw u jiżguraw ir-rispett tal-prinċipji maħruġa mir-rakkomandazzjonijiet fil-forma ta' abbozz.

77 Madankollu, anki jekk wieħed jippreżumi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni dawn il-premessi tal-abbozzi tar-rakkomandazzjoni bil-għan li tiġi ddeterminata l-intenzjoni segwita mill-Kummissjoni matul l-adozzjoni tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni, għandu jiġi rrilevat li l-uniku avviż ta' intenzjoni biex jiġu proposti l-prinċipji komuni minħabba azzjoni fil-livell tal-Unjoni tkun xierqa ma hijiex ta' natura li turi li l-imsemmija rakkomandazzjoni hija intiża li tipproduċi effetti legali obbligatorji. Minbarra dan, il-fatt li, bid-differenza mill-abbozzi tar-rakkomandazzjoni, ir-rakkomandazzjoni inkwistjoni ma tinkludi ebda indikazzjoni li tipprovdi li għandu jiġi żgurat ir-rispett tal-prinċipji li tistabbilixxi, lanqas ma għandha tendenza li tistabbilixxi l-assenza ta' kull intenzjoni mill-Kummissjoni li tagħtiha effetti legali obbligatorji.

78 Fid-dawl ta' dak li ntqal qabel, għandu jiġi konkluż li ebda mill-argumenti mqajma mir-Renju tal-Belġju ma huwa ta' natura li titwaqqa' l-konklużjoni bbażata fil-punt 37 iktar 'il fuq.

79 Barra minn hekk, wieħed għandu jżid jgħid li, kuntrarjament għall-argumenti tar-Renju tal-Belġju, ma għandhiex tkun mehmuża mal-mertu l-eċċezzjoni tal-inammissibbiltà.

80 Minn naħa, kuntrarjament għal dak li jargumenta r-Renju tal-Belġju, l-unika fatt li, fl-espożizzjoni tal-kuntest legali tal-eċċezzjoni tal-inammissibbiltà, il-Kummissjoni tirrispondi fil-mertu għall-ewwel motiv imqajjem minn dan l-Istat Membru ma jistax ikun ta' natura li jiġġustifika l-inklużjoni tal-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mal-mertu. Fil-fatt, mill-punti 51 u 52 iktar 'il fuq jirriżulta li, anki jekk wieħed jippreżumi li l-ewwel motiv kif ukoll, barra minn hekk, it-tielet u r-raba' motivi huma fondati, din iċ-ċirkustanza ma hijiex ta' natura li tiċħad il-kundizzjoni ta' ammissibbiltà tal-eżistenza ta' att li jista' jiġi kkontestat.

81 Min-naħa l-oħra, sa fejn ir-Renju tal-Belġju iqis li huwa neċessarju li jiġu analizzati t-tieni u l-ħames motivi fil-mertu, qabelxejn, għandu jitfakkar li, kif din tirriżulta mill-punti 61 u 62 iktar 'il fuq, iċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża jiddistingwu lilhom infushom minn dawk tal-kawżi li wasslu għas-sentenzi ċċitati fil-punt 61 iktar 'il fuq, li fihom l-ammissibbiltà ġiet analizzata fl-istadju tal-evalwazzjoni tal-mertu.

82 Sussegwentement, għandu jiġi rrilevat li l-konklużjoni, ibbażata fil-punt 37 iktar 'il fuq, li tipprovdi li r-rakkomandazzjoni inkwistjoni hija mingħajr effetti legali obbligatorji hija ffondata fuq analiżi tal-kliem tagħha, tal-kontenut tagħha, tal-kuntest tagħha kif ukoll tal-intenzjoni tal-awtur tagħha, li jirrileva l-evalwazzjoni tal-ammissibbiltà ta' dan ir-rikors.

83 Finalment, għandu jiġi rrilevat li, jekk huwa minnu li, fil-punti 60 sa 77 ta' dan id-digriet, il-Qorti Ġenerali pproċediet għall-analiżi ta' ċerti argumenti mqajma mir-Renju tal-Belġju fil-kuntest tat-tieni u l-ħames motivi tiegħu, li bihom dan l-Istat Membru jargumenta li r-rakkomandazzjoni inkwistjoni tikkostitwixxi strument leġiżlattiv ta' armonizzazzjoni, xorta jibqa' l-fatt, madankollu, li dawn l-argumenti għandhom, essenzjalment, jiġu miċħuda minħabba li jirriżulta ċarament mill-kliem, mill-kontenut u mill-kuntest tal-att li dan ma huwiex intiż li jipproduċi effetti tad-dritt obbligatorji, kif ukoll dak li jirriżulta b'mod partikolari mill-punti 61, 62, 66, 71, 73 u 74 iktar 'il fuq, u li ġew analizzati fil-mertu biss b'mod superfluwu.

84 Fi kwalunkwe każ, ġie rrilevat li dawn l-argumenti joħorġu, parzjalment, minn qari żbaljata tar-rakkomandazzjoni inkwistjoni u li huma manifestament infondati. Madankollu, f'dawn iċ-ċirkustanzi, tmur kontra r-rekwiżiti ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u tal-ekonomija tal-ġudizzju li tinhemeż l-eċċezzjoni tal-inammissibbiltà mal-mertu.

85 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, l-eċċezzjoni tal-inammissibbiltà għandha tintlaqa' u r-rikors miċħud bħala inammissibbli.

86 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talbiet ta' intervent insostenn tat-talbiet tar-Renju tal-Belġju mressqa mir-Repubblika Ellenika u mir-Repubblika Portugiża (ara, f'dan is-sens, id-digrieti tal-5 ta' Lulju 2001, Conseil national des professions de l'automobile *et* vs Il-Kummissjoni, C-341/00 P, Ġabra, EU:C:2001:387, punti 36 u 37, u tas-7 ta' Jannar 2015, Freitas vs Il-Parlament u Il-Kunsill, T-185/14, EU:T:2015:14, punt 52).

## Fuq l-ispejjeż

87 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-Renju tal-Belġju tilef, għandu jiġi kkundannat għall-ispejjeż, konformement mat-talbiet tal-Kummissjoni, bl-eċċezzjoni ta' dawk relatati mat-talbiet tal-intervent.

88 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 144(10) tar-Regoli tal-Proċedura, ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Ellenika, ir-Repubblika Portugiża u l-Kummissjoni għandhom ibatu kull wieħed minnhom l-ispejjeż rispettivi tiegħu relatati mat-talbiet tal-intervent.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla)

tordna:

**1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.**

**2) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talbiet tal-intervent tar-Repubblika Ellenika u tar-Repubblika Portugiża.**

**3) Ir-Renju tal-Belġju għandu jbati l-ispejjeż tiegħu, kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.**

4) **Ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Ellenika, ir-Repubblika Portugiża u l-Kummissjoni għandhom ibatu kull wieħed minnhom l-ispejjeż rispettivi tiegħu relatati mat-talbiet tal-intervent.**

Magħmul fil-Lussemburgu, fis-27 ta' Ottubru 2015.

| | |
|---|---|
| E. Coulon | M. E. Martins Ribeiro |
| Reġistratur | President |